PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

21 ta' Jannar 2024

# IL-KELMA T'ALLA

F'dan il-Ħadd qegħdin niċċelebraw Jum il-Kelma t'Alla. F'dan il-jum niftakru kemm hija importanti l-Bibbja għal ħajjitna. Il-Bibbja hija l-kelma ħajja li tagħti tweġiba għal dak kollu li jixtieq u jistaqsi l-bniedem. Kien hemm ħafna nies li matul is-sekli ltaqgħu mal-Bibbja u din biddlet il-ħajja tagħhom. Propju ftit jiem ilu għamilna l-festa ta' Sant'Anton Abbati. Dan darba sema' silta mill-Vanġelu u ddeċieda li jqassam il-ġid li kellu.



Kemm tkun ħaġa siewja li nħallu ftit ħin kuljum biex naqraw xi ħaġa mill-Bibbja. Tkun qisek qed tixrob xarba li taqtagħlek l-għatx. Il-Kelma t'Alla timlielna l-qalb u turina d-direzzjoni u t-triq stess mnejn ngħaddu.

Nidraw nagħtu importanza u għalhekk l-attenzjoni kollha tagħna lill-Kelma t'Alla li tiġi proklamata fil-quddiesa. Xi drabi jkun biżżejjed li niftakru kelma jew sentenza mill-qari fil-quddiesa, biex tħalli effett fuqna.

Id-duttrina li għaliha jattendu t-tfal tikkonsisti fit-tifsir tal-Bibbja u l-applikazzjoni tat-tagħlim bibliku għall-ħajja.

*L-Arċipret Jimmy Xerri*

**Avviżi:**

Infakkru u nħeġġu lir-**romol kollha, irġiel u nisa**, li nhar it-**Tnejn 22 ta' Jannar, fis-6:00pm**, hemm il-laqgħa għalihom fil-**Mużew il-qadim tal-Bniet**, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

Qed tiġi organizzata **ġurnata ta' spiritwalità** (irtir) **f'Kemmuna** nhar is-**Sibt 10 ta' Frar** (f'każ ta' maltemp fis-17 ta' Frar). Imexxi Dun Ġużepp Attard. Tluq fit-8:30pm minn fejn iċ-Ċentru Parrokkjali u niġu lura fit-3:00pm. Araw il-programm fuq in-noticeboard tal-knisja jew fuq Facebook. Għal aktar informazzjoni kellmu lil **Dun Ġużepp** fuq 99847099 jew lil **Ġuża Sammut** fuq 99228906.

**FESTA TA' SAN BLAS: il-Ħadd 28 ta' Jannar**
Se ssir quddiesa tal-festa, il-Ħadd 28 ta' Jannar. Ikun hemm marċ bis-sehem tal-Banda Mnarja li jibda fl-10:00am minn fejn taż-Żemek. Il-quddiesa tibda fl-10:30am u jsir it-tberik tal-annimali u prodotti agrikoli tal-bdiewa tal-inħawi.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am